IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2018
COM(2018) 537 final

L-ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 5
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2018

Kanċellazzjoni tar-riżerva relatata mas-sostenn lit-Turkija mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), mat-tisħiħ tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat (SEV) u tal-Għajnuna Umanitarja għal azzjonijiet urġenti oħra u mmodifikar tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) fil-kuntest tal-inizjattiva WiFi4EU

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, kif adottat fit-30 ta' Novembru 2017[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2018[3], adottat fit-30 ta' Mejju 2018,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2018[4], adottat fl-4 ta' Lulju 2018,

– il-baġit emendatorju Nru 3/2018[5], adottat fl-4 ta' Lulju 2018,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2018[6], adottat fil-31 ta' Mejju 2018.

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-baġit ġenerali 2018 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.
3 ĠU L XXX, XX.XX.2018.
4 ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 227].
5 ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 310].
6 COM(2018) 361.

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. KANĊELLAZZJONI TAR-RIŻERVA RELATATA MAS-SOSTENN LIT-TURKIJA MILL-ISTRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI (IPA II) 3

3. TISĦIĦ TAL-ISTRUMENT EWROPEW TAL-VIĊINAT (SEV) F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN 5

4. TISĦIĦ TAL-GĦAJNUNA UMANITARJA F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT ... 5

5. INIZJATTIVA WIFI4EU – TISĦIĦ TAT-TABELLA TAL-PERSUNAL TAL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA GĦALL-INNOVAZZJONI U N-NETWERKS (INEA) 6

6. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 7

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5 għas-sena 2018 għandu l-għan:

- Li jikkanċella, kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament, ir-riżerva relatata mas-sostenn lit-Turkija mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) peress li l-kundizzjoni stabbilita mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għat-tneħħija tagħha ma ġietx issodisfata.

- Li jsaħħaħ, f'approprjazzjonijiet ta' impenn, l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (SEV) biex jiffinanzja azzjonijiet addizzjonali marbuta mar-rotta migratorja tal-Mediterran Ċentrali u biex jissodisfa parti mill-wegħda li saret fil-konferenza Brussell II tal-24 u l-25 ta' April 2018 "Appoġġ għall-futur tas-Sirja u tar-reġjun".

- Li jsaħħaħ, f'approprjazzjonijiet ta' pagament, l-Għajnuna Umanitarja biex jiġu koperti l-ħtiġijiet f'pagamenti ta' prefinanzjament bħala riżultat tat-tisħiħ f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li ġie deċiż fi tmiem l-2017, mir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u bħala parti mit-trasferiment ta' tmiem is-sena.

- Li jimmodifika t-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) fil-kuntest tal-inizjattiva WiFi4EU.

B'mod kumplessiv, dan il-baġit emendatorju huwa newtrali.

2. KANĊELLAZZJONI TAR-RIŻERVA RELATATA MAS-SOSTENN LIT-TURKIJA MILL-ISTRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI (IPA II)

Fil-kuntest tal-proċedura baġitarja 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jqiegħdu f'riżerva EUR 70 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 35 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fuq il-partita tal-baġit 22 02 03 01 *Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni*. Din il-partita tal-baġit hija relatata mas-sostenn lit-Turkija mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II).

Il-kundizzjoni stabbilita għar-rilaxx ta' dawn l-ammonti hija kif ġej: *"(...) meta t-Turkija tagħmel titjib suffiċjenti u kwantifikabbli fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-istampa, skont ir-rapport annwali tal-Kummissjoni"*.

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar it-Turkija, li ġie ppubblikat fis-17 ta' April 2018[7], huwa inekwivokabbli fis-sejbiet tiegħu li ma kien hemm l-ebda titjib kwantifikabbli u li, pjuttost it-Turkija qed tkompli titbiegħed mill-Ewropa, speċjalment fir-rigward tan-nuqqas kontinwu ta' passi 'l quddiem fil-qasam tal-istat ta' dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. L-istat ta' emerġenza attwali ddikjarat malli kien hemm it-tentattiv ta' kolp ta' stat fil-15 ta' Lulju 2016 u l-ambitu ta' azzjonijiet li ttieħdu f'dan l-istat wasslu għal tnaqqis qawwi tad-drittijiet ċivili u politiċi inklużi l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-għaqda. L-indipendenza tal-ġudikatura u d-dritt għal proċess ġust ġew imminati ferm filwaqt li s-soċjetà ċivili kulma jmur kienet taħt pressjoni dejjem tiżdied. Mill-introduzzjoni tal-istat ta' emerġenza 'l hawn, iktar minn 150 000 persuna ġew arrestati, inklużi iktar minn 150 ġurnalista.

Mill-pubblikazzjoni tar-rapport annwali 'l hawn, ma kien hemm l-ebda bidla fix-xejriet imsemmija hawn fuq.

Għalhekk, il-kundizzjoni stabbilita mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill ma ġietx issodisfata u b'konsegwenza ta' dan ġie propost li jiġu kkanċellati għalkollox l-ammonti relatati f'riżerva, kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kemm f'approprjazzjonijiet ta' pagament, kif ukoll il-

[7] COM(2018) 450, SWD(2018) 153.

kummenti baġitarji relatati, u li minflok ikun hemm żieda fl-Istrument Ewropew tal-Viċinat (SEV) u fl-Għajnuna Umanitarja.

f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjoniji et ta' pagament
40 02 41	Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-partita tal-baġit 22 02 03 01 – Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni – Sostenn lit-Turkija għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni)*	-70 000 000	-35 000 000
Total		**-70 000 000**	**-35 000 000**

3. TISĦIĦ TAL-ISTRUMENT EWROPEW TAL-VIĊINAT (SEV) F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (SEV) b'EUR 70 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiffinanzja azzjonijiet addizzjonali urġenti marbuta mar-rotta migratorja tal-Mediterran Ċentrali u biex jissodisfa parti mill-wegħda li saret fil-konferenza Brussell II tal-24 u l-25 ta' April 2018 "Appoġġ għall-futur tas-Sirja u tar-reġjun". Għal dan l-għan, il-fondi se jiġu allokati lit-taqsima tat-Tramuntana tal-Afrika tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika u tal-Fond Fiduċjarju tal-UE Madad (għas-Sirja).

Se jiġu ttrasferiti EUR 28 miljun lit-taqsima tat-Tramuntana tal-Afrika tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika sabiex jikkontribwixxu biex jagħmlu tajjeb għad-diskrepanza fil-finanzjament ta' EUR 225 miljun li ġiet identifikata għall-2018-2019 u li ġiet ikkonfermata fl-aħħar żewġ rapporti ta' progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[8]. Fil-każ tal-Libja, il-finanzjament addizzjonali jkun relatat b'mod prinċipali mar-ritorn volontarju ta' migranti vulnerabbli maqbudin. Barra minn hekk, minkejja n-nuqqas kumplessiv ta' qsim illegali tal-fruntieri fl-2018, iċ-ċaqliq mill-Marokk u mit-Tuneżija lejn l-Ewropa qed jiżdied u jeħtieġ sostenn imġedded għall-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari fit-Tuneżija u għall-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija ta' integrazzjoni tal-Marokk.

EUR 42 miljun jiġu ttrasferiti lill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana, il-"Fond Fiduċjarju tal-UE Madad", sabiex jiġi ffinanzjat parti minn pakkett ta' azzjonijiet għar-refuġjati Sirjani fil-Ġordan relatat mal-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni għolja, l-għajxien u s-saħħa, li jrid jiġi adottat mill-Bord Operattiv tal-Fond Fiduċjarju f'Diċembru 2018.

Fl-2018 mhi meħtieġa l-ebda approprjazzjoni addizzjonali ta' pagament għal dawn l-azzjonijiet.

f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjoniji et ta' pagament
22 04 01 03	Pajjiżi Mediterranji – Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti	70 000 000	-
Total		**70 000 000**	**0**

4. TISĦIĦ TAL-GĦAJNUNA UMANITARJA F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ l-Għajnuna Umanitarja b'EUR 35 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' pagament li tfaċċaw minħabba t-tisħiħ baġitarju f'approprjazzjonijiet ta' impenn fi tmiem l-2017:

- EUR 102 miljun mir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u riallokazzjonijiet oħra; u
- EUR 22,8 miljun permezz tat-trasferiment ta' tmiem is-sena għall-Għajnuna Umanitarja skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Finanzjarju.

[8] COM(2018) 250, 14.3.2018 u COM(2018) 301, 16.5.2018.

Dan it-tisħiħ ma kinux jinkludu l-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti peress li parti biss mill-kuntrattar kien sar fl-2017 u setgħu jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet eżistenti ta' pagament fl-2017. Peress li l-kumplament tal-kuntratti qed jiġu ffirmati fl-2018 u minħabba li l-livell attwali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit 2018 mhuwiex suffiċjenti biex ikopri l-pagamenti ta' prefinanzjament relatati, huma meħtieġa approprjazzjonijiet addizzjonali ta' pagament.

Għalhekk, qed tiġi proposta żieda ta' EUR 35 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-artikolu baġitarju 23 02 01 *Konsenja ta' għajnuna umanitarja u assistenza alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi*.

f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Approprjazzjoniji et ta' pagament
23 02 01	Konsenja ta' għajnuna umanitarja u assistenza alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi	-	35 000 000
Total		**0**	**35 000 000**

5. INIZJATTIVA WIFI4EU – TISHIH TAT-TABELLA TAL-PERSUNAL TAL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA GĦALL-INNOVAZZJONI U N-NETWERKS (INEA)

L-inizjattiva WiFi4EU għandha l-għan li tippromwovi l-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali[9]. Tissawwar fl-għamla ta' skema ta' vawċers bl-objettiv li tipprovdi aċċess għall-internet ta' kwalità għolja, mingħajr ħlas u mingħajr kundizzjonijiet diskriminatorji, lir-residenti u lill-viżitaturi fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali. B'hekk, il-korpi tas-settur pubbliku – u b'mod iktar speċifiku l-muniċipalitajiet – se jkollhom is-setgħa li jinstallaw hotspots pubbliċi tal-Wi-Fi fi spazji pubbliċi ġewwa jew fil-beraħ, bħal fil-muniċipju, il-libreriji pubbliċi, il-mużewijiet u ċ-ċentri tas-saħħa f'madwar 6 000 sa 8 000 komunità fl-Ewropa kollha sal-2020. Se tiffaċilita wkoll l-aċċess ta' dawn il-komunitajiet lokali għal servizzi online, bħas-Saħħa Elettronika, il-Gvern Elettroniku, it-Turiżmu Elettroniku, eċċ., u eventwalment se toffri servizz ta' roaming bejn il-hotspots WiFi4EU għall-utenti finali.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)1281 tas-27 ta' Frar 2018 li tiddelega l-implimentazzjoni tal-inizjattiva lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA), jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha livell adegwat ta' riżorsi umani biex twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha. Kif previst fl-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji u kif indikat[10] fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża mad-Deċiżjoni, it-tabella tal-persunal tal-2018 tal-Aġenzija jeħtieġ li tiġi emendata biex tiżdied kariga waħda ta' aġent temporanju fi grad AD7.

Din l-emenda, li żżid l-għadd totali ta' karigi ta' INEA minn 71 għal 72, tista' tiġi ffinanzjata fil-baġit tal-Aġenzija għal din is-sena. B'konsegwenza ta' dan, mhuwiex meħtieġ tisħiħ tas-sussidju tal-UE lil din l-aġenzija eżekuttiva.

It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

[9] Ir-Regolament (UE) 2017/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fir-rigward tal-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali.

[10] Id-delega ġiet aċċettata mid-Direttur tal-Aġenzija mill-1 ta' Mejju 2018.

6. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura		Baġit 2018 (inkl. AB 1-3 u ABE 4/2018)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2018		Baġit 2018 (inkl. AB 1-3 u ABE 4-5/2018)	
		AI	**AP**	**AI**	**AP**	**AI**	**AP**
1.	**Tkabbir intelliġenti u inklużiv**	**77 533 697 652**	**66 624 486 101**			**77 533 697 652**	**66 624 486 101**
	Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*1 113 697 652*				*1 113 697 652*	
	Limitu massimu	*76 420 000 000*				*76 420 000 000*	
	Marġni						
1a	Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi	22 001 452 724	20 097 167 844			22 001 452 724	20 097 167 844
	Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*762 452 724*				*762 452 724*	
	Limitu massimu	*21 239 000 000*				*21 239 000 000*	
	Marġni						
1b	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	55 532 244 928	46 527 318 257			55 532 244 928	46 527 318 257
	Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*351 244 928*				*351 244 928*	
	Limitu massimu	*55 181 000 000*				*55 181 000 000*	
	Marġni						
2.	**Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali**	**59 285 323 122**	**56 083 793 633**			**59 285 323 122**	**56 083 793 633**
	Limitu massimu	*60 267 000 000*				*60 267 000 000*	
	Marġni	*981 676 878*				*981 676 878*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti		43 234 516 899	43 188 677 466			43 234 516 899	43 188 677 466
	Sottolimitu	*44 163 000 000*				*44 163 000 000*	
	Marġni tal-FAEG	*927 833 101*				*927 833 101*	
3.	**Sigurtà u ċittadinanza**	**3 493 241 199**	**2 980 707 175**			**3 493 241 199**	**2 980 707 175**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*837 241 199*				*837 241 199*	
	Limitu massimu	*2 656 000 000*				*2 656 000 000*	
	Marġni						
4.	**Ewropa Globali**	**10 068 842 411**	**8 906 075 154**			**10 068 842 411**	**8 906 075 154**
	Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*243 842 411*				*243 842 411*	
	Limitu massimu	*9 825 000 000*				*9 825 000 000*	
	Marġni						
5.	**Amministrazzjoni**	**9 665 513 627**	**9 666 318 627**			**9 665 513 627**	**9 666 318 627**
	Limitu massimu	*10 346 000 000*				*10 346 000 000*	
	Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 318 000 000*				*- 318 000 000*	
	Marġni	*362 486 373*				*362 486 373*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet		7 579 920 627	7 580 725 627			7 579 920 627	7 580 725 627
	Sottolimitu	*8 360 000 000*				*8 360 000 000*	
	Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 318 000 000*				*- 318 000 000*	
	Marġni	*462 079 373*				*462 079 373*	
	Total	**160 046 618 011**	**144 261 380 690**			**160 046 618 011**	**144 261 380 690**
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***837 241 199***	***678 340 197***			***837 241 199***	***678 340 197***
	Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***1 357 540 063***				***1 357 540 063***	
	Limitu massimu	***159 514 000 000***	***154 565 000 000***			***159 514 000 000***	***154 565 000 000***
	Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	***- 318 000 000***				***- 318 000 000***	
	Marġni	***1 344 163 251***	***10 981 959 507***			***1 344 163 251***	***10 981 959 507***
	Strumenti speċjali oħra	**698 540 311**	**551 238 311**			**698 540 311**	**551 238 311**
	Total Kumplessiv	**160 745 158 322**	**144 812 619 001**			**160 745 158 322**	**144 812 619 001**